# Beati u Qaddisin....Marzu

## SAN EULOGJU, martri

11 ta' Frar



San Ewlogju kien ta' nisel nobbli, minn familja minn Cordova, li dawk iz-zminijiet kienet il-kapitali tal-Mori fi Spanja. Il-qaddis taghna ha l-edukazzjoni tieghu taht is-sorveljanza tal-kleru tal-knisja ta' San Zoilus, li sofra l-martirju flimkien ma' 19 il-persuna ohra taht l-imperatur Deoklezjanu. Iddistingwa ruhu hafna bil-virtu' u l-gherf tieghu, hekk li gie mahtur kap ta' l-iskola ta' knisja gewwa Cordova.

It-talb, penitenza, umilta' u l-karita' kienu il-virtujiet li minhabba fihom gibed ir-rispett ta' kull min kien isir jafu

Waqt il-persekuzzjoni kontra l-insara fis-sena 850, San Ewlogju gie mitfuh il-habs u hemmhekk kiteb l-Ezortazzjoni ghall-Martirju, li huwa ndirizza lill-Vergni Flora u Marija li kienu dekapitati fl-24 ta' Novembru tas-sena 851. Sitt ijiem wara il-mewt taghhom, Ewlogju inghata l-liberta'. Fis-sena 852 bosta nsara ohra sofrew l-istess martirju ta' qtugh ir-ras. San Ewlogju nkoragga hafna lil dawn il-martri biex jibqghu sodi fil-fidi taghhom ghax dik it-triq kienet ser twassalhom ghall-premju ta' dejjem. Meta l-arcisqof ta' Toledo miet fis-sena 858 Ewlogju gie mahtur floku.

Gara li Lukrezja, xebba ta' nisel nobbli mill-Mori, kienet tipprofessa l-fidi taghha nisranija, billi kienet mghallma ir-religjon nisranija minn wahda tal-familja taghha. Biex igaghluha tirrinunzja l-fidi taghha l-ġenituri taghha kienu jittratawha hazin hafna u kienu jsawtuha kemm matul il-jum kif ukoll bil-lejl. Gharrfet b'dan kollu lil San Ewlogju u lil ohtu Anulona u wriethom ix-xewqa li tkun 'l boghod minn dan it-tfixkil biex tezercita t-twemmin kattoliku taghha. Huma ghenuha tahrab u hbewha ghal xi zmien fost l-insara.

Imma wara xi zmien dan kollu sar maghruf u Ewlogju gie arrestat u mehdud quddiem il-cadi li heddu li ser isawtu ghall-mewt. Il-qaddis wiegbu li ebda turmenti ma kien ser ibiddlu hsibijietu. Haduh quddiem is-sultan li tah is-sentenza tal-mewt bil-qtuh ir-ras fil-11 ta' Marzu tas-sena 859. Erbghat ijiem wara Lukrezja irceviet il-martirju ghax bhalu baqghet soda fil-fidi kattolika.

Niftakru li ahna wkoll bhalhom irrinunzjajna ghad-dinja u ghax-xitan fil-Maghmudija. Tharisx lura, taghtix widen ghal xi suggerimenti kontra t-twemmin kattoliku tieghek, imma, imxi 'l quddiem jum b'jum fit-triq li Alla ghazlek ghaliha.